**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 061 /2017**

**TN & RN rispettivament**

**('l-ilmentaturi')**

**vs**

***All Invest Company Ltd.* (C 22239)**

**('il-provditur tas-servizz')**

**Seduta tad-9 ta' Lulju 2019**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** li, fi ftit kliem, l-ilmentaturi jghidu li huma garrbu telf minn tlett investimenti li kienu l-*LM Managed Performance Fund* (*LMMPF*), il-*LandOverseas Property Fund* (*LandOverseas*) u l-*SNS Subordinated Bond 2020* (SNS) fl-ammonti ta' €150,000, €50,000 u €25,756.97 rispettivament.

Illi dan it-telf garrbuh ghaliex il-provditur tas-servizz ma mexiex skont l-ahjar interessi taghhom, kif mitlub mir-regim regolatorju applikabbli, kif ukoll naqas mill-obbligi fiducjarji tieghu fil-konfront taghhom, inkluz obbligi naxxenti minn Artikoli 1124A u 1124B tal-Kodici Civili, meta l-provditur tas-servizz ta parir u biegh lill-ilmentaturi dawn il-prodotti li ma kinux *appropriate* jew *suitable* ghalihom.

L-ilmentaturi jghidu li l-provditur tas-servizz approfitta ruhu min-nuqqas ta' esperjenza taghhom u ghaggilhom biex jiffirmaw dokumenti jew formoli li kienu intizi sabiex jaghtu protezzjoni legali lill-provditur tas-servizz ghall-*misselling* li kien qed jaghmel, u dan minghajr ma qralhom jew fehemhom il-kontenut tal-istess dokumenti jew formoli meta l-ilmentaturi la jifhmu, la jafu jaqraw u lanqas jiktbu bl-Ingliz.

Il-provditur tas-servizz naqashom ukoll meta heba r-riskji li jgorru investimenti kumplessi ta' dan it-tip;

L-ilmentaturi jilmentaw li l-provditur tas-servizz naqshom ukoll meta ma tahomx kopji ta' dokumenti, fosthom, il-*Client Fact Finds*, *File Notes* u *Experienced Investor Declarations,* li jmur kontra l-principji bazilari stabbiliti fi '*prassi segwita f'oqsma finanzjarji u l-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-konsumaturi'.*

Il-provditur tas-servizz naqas ukoll milli jaghti rendikont tar-remunerazzjoni li kienet qed tircievi *All Invest Co. Ltd*. ghas-servizzi taghha kif mistenni li jaghmel bhala ISP licenzjat.

Bil-komportament tieghu, il-provditur tas-servizz ma adempixxiex l-obbligi kuntrattwali tieghu meta l-agir tieghu kien jikkostitwixxi f'negligenza, *culpa lata* u *recklessness* u, ghalhekk, huwa hati ta' *investment misselling* u dan meta l-investimenti li nbieghulhom ma kinux kompatibbli mac-cirkostanzi personali taghhom, mal-objettivi finanzjarji taghhom u lanqas mal-attitudni tar-riskju taghhom u, ghalhekk, ma setax jitqies li kien *suitable* jew *appropriate* ghalihom.

Peress li l-investimenti ma kinux in linja mat-taghrif fl-investiment u l-esperjenza fl-investimenti tal-ilmentaturi, ma kinux f'pozizzjoni li jifhmu r-riskji involuti f'dawk l-investimenti u, ghalhekk, ma setghux jiehdu decizjoni infurmata dwarhom.

Illi l-investimenti saru bi traskuragni, minghajr hila u b'nuqqas ta' diligenza u kura min-naha tal-provditur tas-servizz.

L-ilmentaturi qeghdin jitolbu lill-Arbitru sabiex jigu kkumpensati b'mod li jitpoggew fis-sitwazzjoni finanzjarja taghhom precedenti ghall-investiment f'dawn il-prodotti u jinghataw l-imghaxijiet kif deskritti fl-istess ilment.

**Ra r-Risposta tal-Provditur tas-Servizz li tghid:**

1. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, in kwantu illi nonostante t-talbiet fl-ilment, l-ilment proprju huwa dikjarat li jirrigwarda

*“ - l-LM Managed Performance Fund (‘LMMPF’) ghal €150,000,*

- *Land Overseas Property Fund ghal €50,000 u*

- *SNS Subordinated Bond €25,756.97”,*

jigi eccepit illi l-esponenti ma hiex il-legittimu kontradittur tal-ilmentaturi – din l-eccezzjoni qieghda tinghata b’referenza specifika ghar-raba’, l-hames u s-sitt talba;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, b’referenza ghall-paragrafu 2.3.2 tar-rikors odjern kif ukoll is-seba’ talba qed jigi eccepit li ma sar l-ebda tip ta’ soprakariku fix-xiri tal-prodotti tal-*SNS* u *RBS*;

2. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni odjerna hija preskritta *ai termini* tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni odjerna hija perenta *ai termini* tal-Artikolu 1222(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, in kwantu jidher illi l-ilment odjern jidher illi jittratta allegazzjoni li l-kunsens tal-ilmentaturi ittiehed b’xi qerq jew li ma kinux informati bin-natura tal-investiment b’tali mod li kieku ma kinux jidhlu ghalih;

4. Illi hemm kunflitt lampanti bejn l-ilment dwar it-telf effettiv tal-kapital, l-allegazzjonijiet ta’ soprakariku u t-talbiet fl-ilment – l-ilment proprju jirrigwarda t-telf materjali tal-kapital, mentri t-talbiet jirrigwardaw nuqqasijiet regolatorji li r-rimedju ghalihom mhux necessarjament jinkludi, jew ghandu jinkludi hlas tal-kapital mitluf izda izjed, min-natura ta’ dawk l-allegazzjonijiet igorru maghhom sanzjonijiet diversi u izjed approprjati taht l-Artikolu 26 tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta’ Malta – dan ghandu jgib in-nullità tal-ilment stante li t-talbiet allura ma jirriflettux l-ilment;

5. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccepjenti m’ghandhom ebda kontroll u lanqas ma jiggestixxu huma l-investimenti *de quo* (*All Invest Company Ltd.* hija biss intermedjarju) u, ghaldaqstant, ma jistghux

jinzammu responsabbli ghal kwalunkwe telf li l-investimenti setghu garrbu;

6. Illi l-esponenti ma tistax tinsab responsabbli ghal dak li huwa effettivament ta' illegalitajiet kommessi allegatament mid-diretturi tas-socjetà emmetrici tal-prodott;

7. Illi it-tieni talba lanqas ma tista' tirrizulta stante li l-eccepjenti ma mxietx fl-ahjar interess tal-klijent taghha;

8. Illi ghall-fini tat-tielet talba, ma hux minnu li l-eccepjenti ma agixxietx sew, jew agixxiet b'mod negligenti jew traskurat, jew agixxiet bi ksur ta' xi regolamenti, fil-konfront tal-ilmentaturi u, ghaldaqstant, ma ghandhomx jinsabu responsabbli ghal ebda danni fil-konfront taghhom;

9. Illi lanqas ma huwa minnu li l-esponenti ikkommettiet xi *investment misselling;*

10. Illi l-ilmentaturi kienu konsapevoli li fl-investimenti hemm ir-riskji, liema riskji necessarjament jirreferu ghal telf possibli ta' kapital, u ghandhom jerfghu ir-responsabiltajiet taghhom *qua* investituri billi jerfghu huma l-piz tat-telf allegatament subit minnhom, liema telf ghad li jrid jigi ppruvat sal-grad rikjest mil-Ligi;

11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Ra l-*affidavits* u x-xhieda tal-provditur tas-servizz;**

**Ra l-atti kollha tal-kaz.**

**Jikkonsidra:**

***Eccezzjonijiet Preliminari***

Fl-ewwel eccezzjoni l-provditur tas-servizz jghid li huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur.

Izda jirrizulta, kemm mix-xhieda kif ukoll mid-dokumenti esebiti, li l-provditur tas-servizz ta parir u investa l-flus lill-ilmentaturi u kien hemm relazzjoni kuntrattwali bejnu u bejnhom u, ghalhekk, huwa l-legittimu kontradittur.

***Eccezzjonijiet dwar Preskrizzjoni***

Il-provditur tas-servizz qed jecepixxi l-preskrizzjoni *ai termini* tal-Artikoli 1222(1) u 2153 tal-Kodici Civili.

L-Artikolu 1222(1) huwa bazikament immirat meta ssir azzjoni ghar-rexxissjoni ta' obbligazzjoni.

Dwar il-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 1222(1) tal-Kodici Civili, il-ligi tipprovdi li:

'*L-azzjoni ghal rexxissjoni minhabba vjolenza, zball, ghemil doluz, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni eghluq sentejn (2). Dan jghodd ukoll ghar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet minghajr kawza, jew maghmulin fuq kawza falza.'*

Din il-preskrizzjoni ma tapplikax ghal dan il-kaz ghaliex mhix tintalab rexissjoni ta' obbligazzjoni u, ghalhekk, qed tigi michuda.

L-eccezzjoni l-ohra hija bbazata fuq il-preskrizzjoni *ai termini* tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qrati taghna irritenew li din il-preskrizzjoni tapplika biss fejn hemm htija akwiljana indipendenti mit-twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali.

Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet '***Improved Design Limited vs Dr. Michael Gialanze'*,**[1] il-Qorti spjegat:

*'Illi ghall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-ligi taghraf tliet ghamliet ta' azzjoni ghad-danni, u jigifieri: (a) azzjoni dwar hsarat imnissla minn ghamil li jikkostitwixxi reat, f'liema kaz, iz-zmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-ligi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat; (b) azzjoni ghall-hsarat imnisslin minn delitt jew kwazi-delitt (l-hekk imsejha culpa aquiliana), f'liema kaz il-preskrizzjoni hija ta' sentejn (principju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili); u (c) azzjoni ghall-*

[1] Deciza fid-19 ta' Mejju 2005

*hsarat imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' obbligazzjoni li mhix imfissra f'att pubbliku, f'liema kaz il-preskrizzjoni hija dik ta' hames (5) snin …….*

*Illi l-fattur li jsejjes il-htija akwiljana (jew dik li titnissel barra r-rabta kuntrattwali) huwa dak li l-persuna hija obbligata li, f'ghamilha, ma tikkawzax hsara jew dannu lil haddiehor taht il-principju tan-neminem laedere……….*

*Illi huwa maghruf ukoll li mhux kull hsara li tiggarrab waqt jew minhabba l-mod kif ikun twettaq kuntratt twassal ghall-htija kuntrattwali. Jista' jkun li nuqqas jaghti lok xorta wahda ghal htija akwiljana, minkejja li jkun sehh waqt u bis-sahha ta' rabta kuntrattwali.*

*Ghalhekk, biex hsara mgarrba waqt it-twettiq ta' kuntratt titqies li hija akwiljana u mhux kuntrattwali,* ***jehtieg jintwera li tali hsara ma jkollha x'taqsam xejn mar-relazzjoni kuntrattwali ezistenti bejn il-partijiet.***[2]

*Illi, ghalhekk, il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, minbarra li ma tapplikax ghall-hsara mahluqa minn ghamil li jikkostitwixxi reat, lanqas ma tapplika fejn l-allegata hsara titnissel minn ksur ta' patt kuntrattwali jew obbligazzjoni li tixbahha.'*

Fil-kaz odjern, il-provditur tas-servizz biegh prodott finanzjarju u dahal f'rabta kuntrattwali mal-ilmentaturi, kif jirrizulta mill-atti, liema kuntratt huwa ta' natura specjali peress li min bieghu huwa *License Holder* tal-*MFSA* u, ghalhekk, japplikaw ghalih regolamenti specjali kif ser jintqal aktar 'il quddiem f'din id-decizjoni.

Kif gie deciz mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[3] ghal kazi bhal dak odjern, ma tistax tapplika l-preskrizzjoni ibbazata fuq *culpa aquiliana* imma tapplika l-preskrizzjoni fejn hemm tnissil minn obbligazzjoni kuntrattwali jew, kif iddecidiet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili,[4] '*wahda li tixbahha*'.

Barra minn hekk, ma ngabet l-ebda prova mill-provditur tas-servizz dwar din l-eccezzjoni kif ghandu jaghmel min jaghti eccezzjoni bhal dik ta' preskrizzjoni li l-intenzjoni tkun li twaqqaf il-kaz.

---

[2] *Bold* tal-Arbitru

[3] *Roland Darmanin Kissaun vs GlobalCapital Financial Management Ltd*, PA, 1/06/2017 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell f'sentenza fl-istess ismijiet tad-29 ta' Marzu 2019

[4] *Improved Design Limited vs Dr. Michael Gialanze*, deciza fid-19 ta' Mejju 2005

L-eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni qed jigu michuda.

Fir-raba' eccezzjoni, il-provditur tas-servizz jghid li l-ilmentaturi ressqu ilment kontradittorju bejn it-talbiet u r-rimedju mitlub. L-Arbitru ma jsib xejn inkompatibbli jew kontradittorju fl-ilment ghaliex l-ilmentaturi qed jghidu li l-provditur tas-servizz naqashom b'mod li tilfu flushom u qed ifittxu rimedju kumpensattiv minghand l-Arbitru. M'hemm xejn hazin f'dan ghaliex il-Kap. 555 jipprovdi b'mod specifiku taht l-Artikolu 26 li jekk l-ilment jirrizulta *in parte* jew *in toto*, l-Arbitru jista' jaghti rimedju kumpensattiv. U hekk qed jitolbu l-ilmentaturi.

Barra minn hekk, tant il-provditur tas-servizz fehem l-ilment, li ghamel risposta estensiva. Ghalhekk, din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Fil-hames eccezzjoni, il-provditur tas-servizz jghid li huwa kien biss intermedjarju u ma kellux kontroll fuq il-gestjoni tal-investiment.

L-Arbitru jinnota li l-ilment **jirrigwardja l-imgiba tal-provditur tas-servizz** fil-bejgh tal-prodotti u mhux qed jigi allegat li hu iggestixxa l-prodotti b'mod hazin. L-ilmentaturi qed ifittxu lill-provditur tas-servizz li kien *Licence Holder* tal-*MFSA* u, ghalhekk, kien obbligat li jimxi mar-Regolamenti[5] li harget l-istess *MFSA,* li jagixxi in *buona fede* u josserva l-obbligi kuntrattwali li dahal ghalihom meta biegh il-prodotti li l-ilmentaturi qed jaghmlu ilment dwarhom.

F'dan il-kuntest, il-provditur huwa l-principal u mhux intermedjarju. Il-kelma intermedjarja intuzat fis-sens ekonomiku taghha imma l-provditur tas-servizz kien qed jaghti servizz ta' parir u investiment fil-qasam tas-servizzi finananzjarji u jekk naqas mill-obbligi tieghu irid iwiegeb ghal dan.

Fl-ebda mument ma l-provditur tas-servizz ressaq xi prova li hu kien qal lill-ilmentaturi li hu kien qed jagixxi f'isem haddiehor u li ma kienx ser jassumi r-responsabbiltà.

Anke kieku ghamel hekk, xorta wahda bhala *Licence Holder* mill-*MFSA*, u wkoll bhala '*provditur tas-servizz'*, kif definit fl-Art. 2 tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, kull provditur tas-servizz li jaghti servizz f'dan il-qasam irid iwiegeb ghal ghemilu,

[5] *Investment Services Rules for Investment Services Providers: Part B: Standard Licence Conditions (SLC)*

u kull klijent ta' dan is-servizz ghandu l-jedd li jressaq l-ilment quddiem l-Arbitru u jitlob kumpens minghandu.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**FIL-MERTU**

**L-Arbitru jrid iqis l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.[6]**

Biex jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu, l-Arbitru ser iqis il-verzjoni tal-partijiet, janalizza l-prodott, iqis id-dokumenti esebiti u jara jekk il-prodott mibjugh kellux jinghata lill-ilmentaturi filwaqt li jqis il-kondotta tal-provditur tas-servizz waqt li kien qed jinghata s-servizz.

***Il-Verzjoni tal-Ilmentaturi***

TN xehed permezz tal-*affidavit*[7] u qal li hu kien bniedem ta' 73 sena, dejjem hadem fir-raba' bhala bidwi u kien mar biss skola primarja u, filwaqt li kien jaqra bil-Malti, ma kienx jaqra jew jikteb bl-Ingliz u kien jaf biss xi ftit kliem elementari b'din il-lingwa.

Jghid li qabel ma ltaqa' ma' Wallace Falzon tal-*All Invest,* huwa kellu biss xi flus depoziti l-banki u kien investa wkoll fi *stocks* tal-Gvern u ma kellux investimenti ohra.

Hu u l-mara kienu dahlu f'poloz ta' assikurazzjoni mas-*Sun Life Assurance Company* tal-*Canada* u meta din ittrasferit in-negozju lill-*MSV,* dahal fix-xena Wallace Falzon, li dak iz-zmien kien jahdem maghhom. Meta fl-2008 waqqaf il-kumpanija tieghu, *All Invest*, qalilhom li issa seta' jinvestilhom flushom ahjar u huma qaghdu fuq dak li qalilhom.

L-ewwel ma investielhom kien fl-*ARM*, is-somma kbira ta' €250,000, u dan il-prodott ma kienx licenzjat u hadu flushom lura.

Wallace Falzon investielhom din is-somma, li hu kien zammha bhala *refund* mill-*ARM*, f'Jannar 2011 fl-*LM Managed Performance Fund* (*LMMPF*), fost l-ohrajn.

---

[6] Kap. 555, Art. 19(3)(b)
[7] *A fol.* 176 *et seq*

Bejn Jannar u April 2011, investielhom hamsin elf fil-*Land Overseas Property Fund* u f'Marzu 2011, sar investiment b'mod uniliaterali minn *All Invest* fis-*Secure Capital*, li x'aktarx ir-rikavat tieghu gie investit f'Jannar 2012 fl-*SNS Subordinated Bond 2020* ghas-somma ta' €25,756.97. Jissemma' investiment iehor li dwaru m'hemmx ilment.

B'mod generali jilmenta li l-provditur tas-servizz ma kienx jaqralhom id-dokumenti, ma kienx jispjegalhom il-prodotti u huma kienu jiffirmaw fejn jghidilhom ghaliex kellhom fiducja fih.

Dan hu l-gist tal-*affidavit* ghaliex il-kumplament tieghu huwa irrelevanti ghaliex hu biss repetizzjoni ta' hafna mill-ilment li hu twil b'mod esagerat u li b'xi mod gie mqassar mill-Arbitru.

Mart l-ilmentatur tghid[8] li hija twieldet f'familja tal-bdiewa fl-1946. Ghamlet skola obbligatorja sakemm kellha 14-il sena, taf taqra bil-Malti u bl-Ingliz kwazi ma taf xejn. Hadmet fir-raba' ma' zewgha. Hija ikkonfermat il-kontenut tal-*affidavit* ta' zewgha peress li kienet tkun prezenti waqt il-laqghat ma' Wallace Falzon.

***Il-Verzjoni tal-Provditur tas-Servizz***

Ghall-provditur tas-servizz xehed Wallace Falzon,[9] li jghid li sar jaf lill-ilmentaturi mill-prodotti tal-*MSV*; l-*LM* bieghu b'servizz *advisory* u l-ilmentaturi kellhom '*extensive experience'.*

Jghid li kien jispjegalhom il-prodotti u anke l-izvantaggi taghhom. Dwar l-*LM* jghid li kien jemmen fil-prodott. L-*SNS*, li kien *junior bond*, bieghu fuq bazi ta' *promotion and selling* u, filwaqt li kien jemmen fih, ma jiftakarx id-dettalji tal-bejgh tieghu.

Dwar il-*LandOverseas* ma jafx jekk kienx *advisory* jew *promotion and selling* u dwaru jghid li fl-2013, il-provditur tas-servizz waqqaf ir-relazzjoni tieghu mal-ilmentaturi dwar dan il-prodott u '*bdew relazzjoni diretta mal LandOverseas'* u ma jafx x'sar mill-prodott. Fuq l-*RBS* ghamlu qligh.

[8] *A fol.* 183
[9] *A fol.* 567

Dwar l-*Experienced Declaration Form* li ttiehdet darbtejn, wahda fir-rigward tal-*LM* u l-ohra fir-rigward tal-*LandOverseas,* hadhom ghax kellhom esperjenza fl-investiment.

Fil-kontroezami tieghu, l-istess xhud jghid li kien biegh lill-ilmentaturi seba' strumenti finanzjarji, u minn Novembru 2008 sa Frar 2012, investielhom is-somma ta' €575,000. Mistoqsi jekk jiftakarx li l-ilmentaturi kienu qalulu li flushom kien ilhom igemmghuhom hamsin sena u ma ridux jirriskjawhom jghid li ma jiftakarx.

Jaqbel li mis-seba' investimenti li kien ghamlilhom, sitta kienu komplessi u li l-*LM* u *LandOverseas* kienu '*property specialised companies'.*

Ghalkemm ma jikkonfermax li l-ilmentaturi kienu esperjenzati fi *property specialised companies* jghid li ghalih kienu *experienced* u mhux necessarjament fuq l-istess prodott.

Filwaqt li jkompli jinsisti li l-ilmentaturi kienu experienced investors jghid li l-prodotti kollha ilmentati kien ghazilhom hu.

Mistoqsi x'esperjenza kellhom f'servizz *promote and sell,* jghid dik kienet nota ghalih innifsu u hu kien jirreklama l-prodott.

Ma jikkonfermax li hu kien spjegalhom xi tfisser *promote and sell* u jikkonferma li l-ilmentatur kienu bidwi u l-ilmentatrici mara tad-dar. Jghid li ghalih huwa irrelevanti x'kien jahdmu l-ilmentaturi biex jifhmu r-riskji tal-prodott ghaliex kienu digà investew qabel.

Jghid li jista' jkun l-ilmentatur kellu 68 sena meta investa. Jghid li ma kienx sab il-*Fact Find* dwar l-*LM*, imma lill-klijenti kien jafhom sew.

Dwar l-*LM* jghid li hu ma kienx ghamel *due diligence*, li meta mela kemm is-*suitability test* u kemm l-*appropriateness test* f'daqqa, u kif dan kien possibbli, jghid li dik kienet is-sistema tieghu li jimlihom it-tnejn.

Ma qarax l-*updates* tal-*LM* qabel l-2011, u sa meta bieghu fl-2011, ma kienx jaf li kellu l-problemi u ma kienx konxju bid-dikjarazzjonijiet pubblici sa mill-2010 li l-fond kellu nuqqas ta' likwidità. Lanqas kien jaf li 60% tal-fondi kienu mislufin lil Peter Drake, u li anqas minn 3% kienu investiti fi proprjetà.

Dwar l-*SNS* jghid li kien *junior bond* u din il-kelma gieli semmiha. Ma jispjegax ghalfejn fid-dokumenti bhall-*Purchase Contract Note*, il-*File Note,* ecc., qatt ma semma' li kienet *subordinated bond;* jghid li m'ghamilx dan ghaliex kellha *features* ohra.

Kien jaf li l-Gvern Olandiz kien ta *bailout* ta' €750 miljun lill-*SNS*.

Ma jafx li dan kellu jithallas sal-2013. Dan id-dettall dwar *bailout* ma qalulhomx lill-ilmentaturi.

Dwar il-*LandOverseas* jikkonferma li dan sar fl-istess jum li hu kien digà investielhom €150,000 ohra fl-*LM*, u jghid li dan ghamlu biex jiddeversifika.

Jaqbel ukoll li l-*LandOverseas* kien *a professional investors fund*. Ma spjegax l-*Offering Document* fid-dettall lill-ilmentaturi imma jkun qalilhom dwarhom.

Ma jwegibx jekk kienx qal lill-ilmentaturi li hu kien fl-*Investment Committe* u Direttur fil-*LandOverseas* imma jghid li din kienet haga li kien jiftahar biha.

Dwar l-arrest ta' diretturi tal-*LandOverseas* jghid li meta gara dan hu ma kienx ghadu direttur. Il-*File Notes* u l-*Experienced Declaration Forms* ma jahsibx li kien tahom lill-klijenti. Mistoqsi, allura, ghalfejn ha dikjarazzjoni li huma ma ridux kopji, jghid li din kienet *standard form declaration*.

Dwar id-dikjarazzjoni li kien tahom il-*Prospectus* tal-*LM, SNS* u tal-*LandOverseas,* jghid li dik kienet *standard print*.

**Il-Prodotti li nbieghu lill-Ilmentaturi u kif inbieghu**

**L-*LM Managed Performance Fund* (*LMMPF*)**

L-Arbitru ghamel analizi ta' dan il-prodott f'diversi decizjonijiet li digà ta u, a skans ta' repetizzjoni, jaghmel referenza ghad-decizjonijiet tieghu fil-kazi numri 471/2016; 085/2017; u 086/2017, fejn l-analizi li saret f'dawn il-kazi tghodd ghal dan il-kaz ukoll.

Fil-qosor, jirrizulta li dan kien prodott li fl-Awstralja kien jinbiegh ghal investituri professjonali; il-kapital ma kienx garantit u sa mill-2009 kellu problemi ta' likwidità li gew imhabbra mill-istess kumpanija u kienu fid-dominju pubbliku.

Ghalhekk, provditur tas-servizz professjonali kellu jinduna li dan kien prodott li kien fih riskji kbar u ma kienx addattat ghal *retail clients* kif kienu l-ilmentaturi.

Il-provditur tas-servizz ikkonferma fil-kontroezami li hu ma kienx jaf li fl-2010 kienet harget *update* tal-*LMMPF*, fejn gie dikjarat li kien hemm problema ta' likwidità, u jammetti li dan il-*fund* kien mahrug minn '*property specialist company'*[10] u ma tax assikurazzjoni li l-ilmentaturi kienu jifhmu fl-investimenti fil-proprjetà imma ghalih, il-fatt li hu stess kien investielhom il-flus ta' hajjithom f'investimenti kumplessi, kien jaghmlihom tal-esperjenza.

Dan ma kienx il-kaz, kif ser jigi spjegat aktar 'il quddiem f'din id-decizjoni. Il-fatt li kien qed jissugralhom flejjes kbar fi prodotti kumplessi li ghazel hu, u li huma ma setghu jifhmu xejn dwarhom, ma kienx ghamilhom '*experienced investors*'.

2. **Il-*LandOverseas***

Dwar dan l-investiment fil-proprjetà, l-Arbitru ghandu riservi kbar. Wallace Falzon jammetti li kien membru kemm fl-*Investment Committee* kif ukoll direttur tal-*LandOverseas*. Hu qal li kien jiftahar b'din il-haga ghax b'hekk ikun jaf x'qed jigri fil-kumpanija. Imma dan holoq ukoll konflitt ta' interess biex hu stess jinvesti flus in-nies ma' din il-kumpanija.

L-Arbitru digà dahal sew f'decizjoni ohra dwar investiment fil-*LandOverseas* u partikolarment fil-Kazi Nri. 472/2016 u 015/2017. Ghalhekk, jaghmel referenza ghal dawn id-decizjonijiet, u l-konkluzjonijiet taghhom dwar dan l-investiment partikolari ghandhom jghoddu wkoll ghal dan il-kaz.

Fil-qosor, gie kkonfermat minn Ufficjal tal-*MFSA*, Dr Michelle Mizzi Buontempo, li kienet involuta sew dwar ilmenti li kienu saru mal-*MFSA* dwar dan il-prodott, li kienet xehdet quddiem l-Arbitru illi:

'*Nghid li dwar il-LandOverseas kien hemm zewg* ***Professional Investment Funds,*** *wahda jisimha* ***LandOverseas Property Fund***[11] *u l-ohra LandOverseas Distributor Fund.*

[10] *A fol.* 568
[11] Enfasi tal-Arbitru

***Il-Property Fund kellha tinbiegh lill-experienced investors***[12] *u imbaghad giet ikkonvertita fl-2011, li giet targeted in a Scheme Qualifying Investor … wahda mir-regoli ghal dawn it-tipi ta' Funds, apparti li jkollok certu esperjenza fit-tranzazzjonijiet, ridt taghmel minimum subscription amount ta' €75,000 li originarjament kienet ta' €35,000. Din kienet il-Property Fund.Fid-Distributor il-mimimum kien ta'€10,000. Mill-investigazzjoni taghna ahna dorna kull investitur li kienu xtraw dan il-prodott … Meta dorna d-dokumenti skoprejna li minn 34 clients li nvestew fil Property Fund, ghoxrin minnhom kienu klijenti tal-All Invest u minn dawn l-ghoxrin tnejn biss issodisfaw ir-requirement tal-minimum subscription'.*[13]

Il-fatt li l-*LandOverseas Property Fund* kien ghal *professional investors* jammettih il-provditur tas-servizz meta, in kontroezami, qal:

'*Mistoqsi jekk naqbilx li dan il-LandOverseas kien Professional Investors Fund, nghid li iva, naqbel'.*[14]

Ghalhekk ma kienx addattat ghal *retail clients* kif kienu l-ilmentaturi

***L-SNS Subordinate Bond 2020***

Dwar l-analizi ta' dan il-prodott, l-Arbitru jaghmel referenza ghal dak li ntqal fid-decizjoni tieghu stess fil-Kaz Nru. 472/2016, u l-analizi li saret f'dak il-kaz tapplika ghal dan il-kaz ukoll.

Fil-qosor, irrizulta li *l-SNS* kienet *subordinated bond* ta' bank li kien ircieva *bail out* ta' €750,000 mill-Gvern Olandiz, u kien marbut bi zmien li jhallashom lura. L-investiment li ghamel il-provditur tas-servizz lill-ilmentaturi kien billi xtralhom *subordinated bond.*

***Subordinated bonds* jigu minn tal-ahhar fir-*ranking* f'kaz ta' likwidazzjoni. Infatti, fil-lista ta' kredituri, jirrenkjaw wara l-gvern u *senior creditors.* Il-fatt li**

[12] Enfasi tal-Arbitru
[13] Ara Decizjoni tal-Kaz Nru. 015/2017
[14] *A fol.* 572

**dawn il-*bonds* huma *subordinated* ifisser li huma ta' riskju u mhux tajbin ghal kull investitur. Ir-riskji kienu reali u mhux fuq il-karta biss.**

Dan mhux qed jinghad bil-beneficcju tal-'*hindsight*'.

Galadarba l-provditur tas-servizz kien jaf li dan il-prodott kien riskjuz, ghax kien '*subordinated*' u f'bank li digà kellu diffikultajiet kbar, kien qed jissogra inutilment flushom u qatt ma messu investielhom fih.

**Jekk dawn il-Prodotti kellhomx jinbieghu lill-Ilmentaturi**

Il-provditur tas-servzz jikkonferma li dawn il-prodotti, specjalment *LMMPF* u l-*LandOverseas*, kienu mahsubin ghal *professional investors*, però, jghid li l-ilmentaturi kienu *experienced investors* u r-raguni li gab kienet li hu stess kien investielhom drabi ohra.

Mir-rizultanzi tal-provi johrog, (anke ammess mill-provditur tas-servizz stess), li minn seba' investimenti li kien ghamlilhom, sitta kienu ***complex products****.* Dan ifisser li l-ilmentaturi, li kienu nies ta' ftit skola, qatt ma setghu jifhmu dawn it-tip ta' investimenti u, ghalhekk, ma setghux jakkwistaw dik l-esperjenza biex isiru '*experienced investors'* minhabba l-volum ta' investimenti li jipprova jghid li kellhom il-provditur tas-servizz. Il-volum ma kienx xi wiehed esagerat u xorta wahda l-ilmentaturi ma setghu jifhmu xejn meta flushom kienu qed jigu investiti fi prodotti '*complex'* li m'humiex intenzjonati ghal nies bhalhom.

Barra minn hekk, skont ir-regoli vigenti taht il-Kap. 370 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esperjenza u t-taghrif li jrid ikollhom l-ilmentaturi riedu jkunu tali li jifhmu r-riskji tal-**prodott partikolari** li jkunu ser jinvestu fih.

Bit-taghrif u l-esperjenza (jew in-nuqqas taghhom) li kellhom l-ilmentaturi ma setghux jifhmu n-natura u r-riskji tal-prodotti li qed isir ilment dwarhom.

Raguni ohra ghalfejn sar investiment hazin hija l-fatt li l-provditur tas-servizz investa somom kbar fi prodott wiehed: dan partikolarment fl-*LMMPF* fejn investielhom fih is-somma massicca ta' €150,000; fil-*LandOverseas* investa €50,000 u fl-*SNS* 'il fuq minn €25,000, u dan f'perjodu qasir. Dawn kienu it-tifdil tal-ilmentaturi li kienu ghamlu matul hajjithom.

Il-provditur tas-servizz lanqas cahad il-fatt li l-ilmentatur kellu 68 sena meta dahhlu f'dawn l-investimenti, u f'dik l-età, il-priorità li trid tinghata mill-provditur

tas-servizz hija s-sigurtà tal-kapital ghax f'dik l-età, bniedem ma jistax jerga' jibda jgemma' u jibda hajtu mill-gdid. Fejn jidhlu nies anzjani, ir-responsabbiltà hija akbar ghax l-effett tat-telf jinhass aktar.

Normalment, f'dik l-età, bniedem ikun irid dhul regolari, anke jekk mhux l-oghla dhul, imma b'mod sikur u sostnut, hafna drabi biex tigi kumplimentata l-pensjoni. Il-provditur tas-servizz wera nuqqas ta' sensittività ghall-interessi tal-ilmentaturi u ma hax hsieb l-interessi taghhom kif kien obbligat li jaghmel skont ir-regoli vigenti dak iz-zmien u li kienu jirregolawh:

'*When providing Investment Services to clients, a Licence Holder shall act honestly, fairly and professionally in accordance with the best interests of its clients and shall comply with the relevant provisions of the Act, the Regulations issued thereunder'.*[15]

Meta l-prodvitur tas-servizz ha minghand l-ilmentaturi l-firem fuq l-*Experienced Investor Declaration Forms* sabiex igibhom jaqblu u eligibbli li jinvestu fil-prodotti in kwistjoni, ma kienx qed jagixxi '*honestly, fairly*' u *'professionally'*, ghax analizi oggettiva tal-ilmentaturi kellha twassal lill-provditur tas-servizz jasal ghall-konkluzjoni li ma kinux ***experienced investors*** li setghu jifhmu l-implikazzjonijiet tal-investimenti li dahhalhom fih, specjalment ir-riskji marbutin maghhom.

Barra minn hekk, il-provditur tas-servizz jghid li whud mis-servizzi kienu taht ir-regim tal-'*promotion and selling*' u servizzi ohrajn kienu '*advisory*'.

L-istess, l-Arbitru ma jistax jifhem kif l-ilmentaturi kellhom jinbieghulhom prodotti bhala '***promote and sell'*** meta l-provditur tas-servizz jghid hu stess li ma kinux huma li ghazlu l-prodotti, izda kien hu li ghazilhom u ppretenda li jbighhomlhom minghajr parir u minghajr ma jghidilhom li ma kienx qed jaghtihom parir.

Però, dan jistona ma' dak li xehed l-istess provditur tas-servizz, meta qal li kien jaghtihom spjega dettaljata anke tad-'*disadvantages*' tal-prodott. Jew ma kienx qed jinghata parir, jew kien qed jinghata. F'dan ir-rigward, ix-xhieda tal-provditur tas-servizz mhi xejn kredibbli u l-Arbitru jaghti affidibilità lil dak li qalu

[15] ISR-SLC 2.01

l-ilmentaturi li ma kien spjegalhom xejn u li qalilhom biex jiffirmaw dokumenti minghajr ma gew spjegati lilhom u lanqas inghataw kopja taghhom.

Dan jammettih il-provditur tas-servizz fejn jghid li, minkejja li l-ilmentaturi kienu iffirmaw li ma ridux kopja tad-dokumenti, dan sar biss ghaliex il-formola kienet ***standard form*** u kien jaghmel hekk ma' kulhadd.

Imma anke jekk xi servizz kien taht ir-regim **tal-*promotion and selling***, xorta l-provditur tas-servizz ried jaghmel *appropriateness test*:

'*When assessing whether an Investment Service, other than investment advice or portfolio management, is appropriate for a client, the Licence Holder shall be required to determine whether that client has the necessary experience and knowledge in order to understand the risks involved in relation to the product or Investment Service offered or demanded.'*[16]

Ghalhekk, l-*assessment* tal-esperjenza u t-taghrif li ried ikollhom l-ilmentaturi ried jissodisfa l-kriterju li huma setghu jifhmu '*the risks involved in relation to the product offered or demanded'.*

Dan ifisser li anke kieku ghazlu l-prodott il-klijenti, haga li f'dan il-kaz ma saritx, xorta jibqa' l-obbligu tal-provditur tas-servizz li jara li l-klijent ikollu esperjenza u taghrif bizzejjed biex jizen ir-riskji ta' dak il-prodott partikolari.

Fil-kaz ta servizz ***advisory,*** il-provditur tas-servizz kellu wkoll certi obbligi:

Skont *SLC 2.13 ta' dawn ir-regoli* li kienu japplikaw fiz-zmien li saru l-investimenti, il-provditur tas-servizz ghandu, fil-kaz li jaghti parir ta' investiment, igib l-informazzjoni necessarja (in konformi ma' *SLC 2.16 sa 2.20* kif ukoll *SLC 2.22* sa *2.24)* fuq l-gharfien u l-esperjenza tal-investitur, is-sitwazzjoni finanzjarja u l-oggettivi tieghu biex jara li r-rakkomandazzjoni tas-servizz ta' investiment u l-prodott huma addattati ghall-investitur.

Skont *SLC 2.16* il-provditur ta' servizz ta' investiment ghandu jigbor l-informazzjoni necessarja minghand il-klijenti biex il-provditur jifhem il-fatti essenzjali fuq il-klijent u jkollu bazi ragonevoli fuq xiex jasal ghal konkluzjoni,

[16] ISR-SLC 2.21

b'kunsiderazzjoni ghan-natura u s-servizz li ser jigi pprovdut u li t-tranzazzjoni specifika li qed tigi irrakkomandata tissodisfa l-kriterji li tilhaq l-oggettivi ta' investiment tal-klijent.

Ukoll, li l-klijent jiflah finanzjarjament jiehu r-riskji ta' investiment konsistenti mal-oggettivi tal-investiment tieghu, u kif ukoll li l-klijent ghandu l-**esperjenza u l-gharfien necessarju biex jifhem ir-riskji involuti fit-tranzazzjoni.**

Il-provditur tas-servizz ma ppruvax b'mod sodisfacenti li l-ilmentaturi kienu jilhqu dawn il-kriterji u, f'hafna okkazjonijiet waqt il-kontroezami, kien evaziv billi jghid li ma kienx jiftakar.

Huwa ammetta wkoll li kien jimla l-formoli hu u kien jittikkja l-kaxxi kemm tal-*appropriateness test* kif ukoll tas-*suitability test* u jghid li kien jaghmel dan ghaliex hekk kienet is-sistema tieghu.

Dan ifisser li ma kien qed ikun jaghmel la *suitability* u lanqas *appropriateness test* ghaliex dan l-ezercizzju ghandu jkun wiehed reali li jirrapprezenta l-profil, l-esperjenza u t-taghrif li jkollu l-konsumatur, u mhux sempliciment jigu ittikkjati l-kaxxi biex kollox ikun jidher sew *'on paper'* ghal skopijiet regolatorji ghall-fini tal-licenzja.

Dan l-ezercizzju li ghamel il-provditur tas-servizz la kien jissodisfa l-*appropriateness test* skont regola 2.21, u lanqas ir-rekwiziti tas-*suitability test* skont ir-regola 2.16 tal-*Investment Services Rules- Standard Licence Conditions* mahruga taht il-Kap. 370 tal-Ligijiet ta' Malta.

Galadarba l-prodotti in kwistjoni la kienu *appropriate* u lanqas *suitable* ghall-ilmentaturi, sehh bejgh hazin ta' dawn il-prodotti.

Hija l-prassi accettata kullimkien illi meta jsehh *misselling,* l-investitur ghandu kemm jista' jkun jitpogga fis-sitwazzjoni li kien fiha qabel ma ghamel l-investimenti li, f'dan il-kaz, ifisser li l-ilmentaturi ghandhom dritt jinghataw lura l-kapital li investew.

Barra minn hekk, l-Arbitru huwa tal-fehma li l-provditur tas-servizz ma qedix l-obbligi fiducjarji tieghu u ma agixxiex ta' missier tajjeb tal-familja.

Il-provditur tas-servizz naqas ukoll milli jissodisfa *'l-aspettativi legittimi u ragonevoli'*[17] tal-ilmentaturi u m'osservax ir-regola ewlenija li kull *Licence Holder,* bhall-provditur tas-servizz, kien marbut biha u, cioè, li jagixxi:

*'honestly, fairly and professionally in accordance with the best interests of its clients'.'*[18]

**Ghalhekk, l-Arbitru qed jilqa' l-ilment sakemm dan huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni.**

L-ilmentaturi investew €150,000 fl-*LM Managed Performance Fund* izda dahhlu b'kollox €23,241.3[19] u, ghalhekk, jibqalhom jiehdu €126,758.7.

Fl-*SNS Subordinated Bond,* l-ilmentaturi investew is-somma ta' €25,756.97, u kellhom dhul ta' €1,937.50,[20] u, ghalhekk, ghamlu telf ta' €23,819.47.

Mil-*LandOverseas* l-ilmentaturi ma kellhom l-ebda dhul u, ghalhekk, tilfu s-somma ta' €50,000.

Dwar il-kwistjoni tas-soprakariku fuq ix-xiri tal-*SNS* u l-*RBS*, l-Arbitru ma kellux provi bizzejjed biex jilqa' din it-talba.

**Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jordna lil *All Invest Co. Ltd* thallas lill-ilmentaturi is-somma ta' €23,819.47 investiti fl-*SNS Bank NV Subordinated Bonds 6.25 2020;* l-ammont ta' €50,000 investiti fil-*LandOverseas Property Fund,* u l-ammont ta' €126,758.7 investiti fl-*LM Managed Performance Fund.***

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv**

**Bl-ispejjez kontra l-provditur tas-servizz.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

---

[17] Kap. 555, Art. 19(3)(c)
[18] SLC 2.01
[19] *A fol.* 145,146,147
[20] *A fol.* 166